MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1405/2003

**Joseph u Angela Sabina konjugi Vella, rispettivament bin-numru tal-karta tal-identita` 64556 (M) u 352756 (M).**

**vs**

**Chrismarmig Company Limited (C 23992) u Joseph M. Portelli u Martu Anna Portelli ghal kull interess illi jista' jkollha, rispettivament bin-numru tal-karta tal-identita` 536861 (M) u 371660 (M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 31 ta' Dicembru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif

diversament presjeduta l-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-atturi kienu fi ftehim mas-socjeta' konvenuta ghal xiri ta' fond, appartament/*flat*, internament innumerat bin-numru tmienja (8) fir-raba' sular (*third floor*), formanti parti minn blokk konsistenti f'disa' *flats* u zewg *penthouses*, hwienet sottoposti u zewg sulari *basement* bla numru u bla isem, fi Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq it-Trill, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, kollox kif jirrizulta minn konvenju li sar bejn l-istess kontendenti atturi u s-socjeta' konvenuta fl-4 ta' Mejju 2001, kif sussegwentament ipprorogat fit-3 ta' Awwissu 2001, fit-28 ta' Frar 2002 u fil-25 ta' Frar 2003 b'validita' finali sal-25 ta' Frar tas-sena 2004;

Illi fil-mori tal-konvenju kif ipprorogat, is-socjeta` konvenuta permezz ta' ftehim ta' appalt bil-miktub intrabtet li taghmel xi xoghlijiet fil-fond li ppromettiet li tbiegh lill-atturi sad-data ta' meta kien miftiehem illi jsir l-att finali ta' trasferiment, b'dan illi sa dik id-data l-kompraturi jkunu jistghu jabitaw fil-fond *de quo* minghajr tfixkil u nkonvenjenza u fin-nuqqas l-venditur kellu jhallas lill-kompraturi *in linea* ta' danni pre-likwidati ghaxar Liri Maltin (Lm10) ghal kull gurnata ta' ritard;

Illi l-atturi, ikkonsenjaw lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) bhala depozitu u parti mill-prezz tal-istess fond, liema pagament sar fl-4 ta' Mejju 2001, ossia mal-konvenju originali;

Illi fil-mori tal-konvenju l-atturi ghamlu xi xoghlijiet u spejjes minn buthom fuq il-fond msemmi u spejjes ohra relatati mal-kuntratt finali, bhal dawk notarili u bankarji;

Illi fil-granet li ghaddew l-atturi skoprew illi l-fond li dwaru kienu fuq konvenju mas-socjeta` konvenuta u li fuqu kien behsiebhom jersqu ghall-att finali ta' trasferiment fi ftit gimghat, kien inbiegh lil terzi, liema fatt kien anke konfermat mill-persuna stess illi xtrat u akkwistat dan l-istess fond;

Illi dan il-bejgh mat-terzi sar meta s-socjeta` konvenuta kienet taf ben tajjeb illi ma setghetx taghmel dan peress illi kienet marbuta b'konvenju legali u validu mal-atturi, u *di piu'* gja kien hemm korrispondenza, inkluz protest giudizzjarju mill-atturi kontra s-socjeta` konvenuta sabiex jersaq ghall-att finali ta' trasferiment fit-termini tal-ftehim milhuq mal-istess atturi;

Illi proprju ftit granet biss qabel ma sar l-att pubbliku ta' trasferiment tal-fond *de quo* lit-terzi, l-Avukat ta' l-atturi tkellem personalment mal-konvenut Joseph M. Portelli u kien hemm ftehim verbali illi l-partijiet kellhom jitkellmu wara l-vaganzi tal-Milied tas-sena 2003 sabiex isibu soluzzjoni ghal xi problemi li seta` kien hemm fil-parti tal-ftehim dwar l-appalt li kellu jsir, pero' kien hemm l-assikurazzjoni skjetta, cara u inekwivoka tal-istess konvenut Joseph M. Portelli illi huwa ma kienx qieghed f'negozju ma' terzi u anzi li kien jaf li ma setax ibiegh *stante* illi kien ghadu marbut bil-konvenju mal-atturi;

Illi allura l-istess Joseph M. Portelli fil-kapacita` tieghu personali huwa responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-istess atturi, minhabba *dolo* da parti tieghu meta gideb, zvija u qarraq lill-istess atturi, liema agir gie sussegwentament ammess mill-istess konvenut f'telefonata mal-istess Avukat, u liema agir illegali, irresponsabbli u doluz jesponi lill-istess konvenut Joseph M. Portelli ghad-danni anke fil-vesti tieghu personali;

Illi konsegwenza ta' l-agir tal-konvenuti kif hawn fuq premess, l-atturi soffrew danni ohra, konsistenti partikolarment fi spejjes legali u notarili, u kif ukoll peress illi llum il-valur ta' proprjeta` simili huwa ferm ghola minn dak li kien miftiehem bejn il-partijiet fuq il-konvenju hawn fuq riferit u spejjes u danni ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din l-odjerna kawza;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lill-atturi s-somma ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000), rapprezentanti d-depozitu u parti mill-prezz mhallas mill-atturi lill-istess socjeta' konvenuta kif fuq premess u dan flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tal-pagament hawn msemmi sad-data tar-rifuzjoni lura lill-atturi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew minn minnhom, konsegwenza tal-agir taghhom kif hawn fuq premess, irrendew ruhom responsabbli ghad-danni u spejjes kollha sofferti u inkorsi mill-atturi, konsistenti partikolarment fi spejjes legali u notarili, d-differenza fil-valur tal-proprjeta` kif miftiehem bejn il-kontendenti ghall-valur reali fil-prezent tal-istess appartament u spejjes u danni ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. Tillikwida d-danni u l-ispejjes kollha sofferti mill-atturi, okkorrendo jekk hemm bzonn, taht id-direzzjoni tal-perit nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom, sabiex ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata *ai termini* tat-tielet talba hawn fuq maghmula bhala rapprezentanti danni sofferti mill-atturi tort unikament tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom, kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-protest giudizzjarjju tat-13 ta' Awwissu 2003 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru 2286/03 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, salv dak *ai termini* tal-ewwel talba hawn fuq maghmula.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol.11 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2004.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Chrismarmig Company Limited datata 23 ta' Frar 2004 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi *in linea* preliminari l-azzjoni mhix proponibbli guridikament essendo li l-attur ma segwix il-predispost tal-**artikolu 1357 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u kwindi l-effett tal-konvenju spicca.

2. Ukoll *in linea* preliminari l-konvenuti Joseph M. Portelli u martu Anna Portelli ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li ma kellhom l-ebda relazzjoni kontrattwali mal-atturi.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suepost is-socjeta` konvenuta kellha kawza gusta sabiex ma tonorax il-konvenju in kwistjoni u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2006 il-Qorti nnominat bhala Perit Legali a spejjez provizorjament attrici lil Dr. Marco Ciliberti u l-kawza giet differita ghar-rapport ghas-16 ta' Novembru 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Vincent Ciliberti, ix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti kollha esebiti (fol. 101 et sequitur).

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti datat 7 ta' Frar 2007 u mahluf fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2007.

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenuti datata 23 ta' Mejju 2008 a fol. 237 tal-process.

Rat ir-risposta tal-atturi b'referenza ghan-nota ta' kritika tal-konvenuti datata 5 ta' Settembru a fol. 244 tal-process.

Rat il-replika tal-konvenuti ghar-risposta tal-atturi datata 23 ta' Settembru 2008 a fol. 250 tal-process.

Rat ir-risposta tal-atturi ghar-replika tal-konvenuti datata 26 ta' Settembru 2008 a fol. 255 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2008 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Marzu 2009.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi b'konvenju datat 4 ta' Mejju 2001 (Dok. "A") is-socjeta' konvenuta obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi lill-atturi l-apparament numru 8, Triq it-Turisti, Qawra fi stat ta' gebel u saqaf verso l-prezz pattwit ta' Lm22,000, li minnhom thallsu Lm5,000 bhala pagament akkont u dan verso l-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati, liema konvenju kellhu jiskadi fl-4 ta' Awissu 2001. Kontemporjament gie ffirmat bejn il-komparenti fl-istess konvenju ftehim ta' appalt sabiex jigi kompletat l-istess flat u l-partijiet komuni tal-blokk relattiv ghall-valur ta' Lm34,500 (Dok. "MAC 1" – fol. 139).

Illi l-istess konvenju gie estiz permezz ta' skritturi privati datati wahda 3 ta' Awissu 2001 (Dok. "B") fejn l-istess konvenju gie prorogata sal-4 ta' Awissu 2002, l-ohra datata 28 ta' Frar 2002 9 (Dok. "A" – fol. 6) fejn l-istess

konvenju gie estiz sat-28 ta’ Frar 2003 u ohra datata 25 ta’ Frar 2003 (Dok. “C”) fejn l-istess konvenju gie estiz sal-25 ta’ Frar 2004. Illi jirrizulta li b’kuntratt datat 18 ta’ Dicembru 2003 (Dok. “JH 2” – fol. 123) fl-atti tan-Nutar Charles Mangion l-appartament suggett ghall-istess konvenju gie effettivament trasferit flimkien mal-garage internament immarkat bin-numru 9 fil-livell ta’ basement lill Frank Sydney Martin u martu Irene Alice Martin verso l-prezz ta’ Lm35,000.

Illi ghalhekk l-atturi ghamlu din il-kawza kemm kontra s-socjeta’ konvenuta ghar-rifuzzjoni ta’ l-ammont ta’ Lm5,000 li hija kienet hallset bhala akkont tal-prezz fuq l-istess konvenju originali u kemm kontra l-istess socjeta’ konvenuta u l-konvenuti proprju ghad-danni kkawzati peress li l-istess fond gie mibjugh lill-terzi, u dan peress li s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghall-istess danni peress li minkejja li kienet taf li kien hemm konvenju mal-atturi hija bieghet l-istess fond lill-terzi, mentri l-konvenuti personalment huma responsabbli ukoll ghall-istess danni peress li allegatament il-konvenut personalment kien assigura lill-atturi li ma kien ser issir l-ebda bejgh tal-istess fond lill-terzi, haga li fil-fatt sehhet fil-mori tal-konvenju indikati, b’dan li l-istess konvenut agixxa *in mala fede*.

Illi ghall dan is-socjeta’ konvenuta ecceppiet li l-azzjoni attrici ma hijiex proponibbli ghaliex l-atturi ma segwewx il-procedura stabilita skont l-**artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16** u ghalhekk l-istess konvenju ma’ baqax veljanti; li l-konvenuti Portelli proprju ma ghandhom l-ebda relazzjoni mal-atturi u allura ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju; u li bla pregudizzju ghall-istess is-socjeta’ konvenuta kellha raguni gusta sabiex ma’ tonorax l-istess konvenju.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni l-**artikolu 1357 tal-Kap. 16** jipprovdi li:-

**1357.** (1) *Il-weghda ta’ bejgh ta’ haga bi prezz determinat, jew bi prezz li ghandu jigi stabbilit minn persuna wahda jew izjed bhalma jinghad fl-artikoli ta’ qabel dan, ma titqiesx bejgh; izda, jekk tigi accettata, iggib, f’dak li*

*wieghed, l-obbligu li jaghmel ilbejgh, jew, jekk il-bejgh ma jkunx jista' izjed isir, l-obbligu li jhallas id-danni lill-accettant*.

(2) *L-effett ta' din il-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet ghal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bhal dak, meta jghaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgh ikun jista' jsir, kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien*.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-atturi ma' prezentaw l-ebda ittra ufficjali qabel ma' skada l-istess konvenju u ghalhekk l-effetti tal-istess konvenju skadew u ghalhekk il-konvenju tilef l-effikacja tieghu (**"William Gatt et vs Realco Developments Limited"** – P.A. (RCP) – 21 ta' Ottubru 2001) u b'hekk l-partijiet jirrivertu ghall-posizzjoni li kienu qabel ma' sar l-istess konvenju **("Jason Formosa et vs Carmelo Sammut et"** – P.A. (PS) – 28 ta' April 2003; **"Edward Portelli et vs Hector Cassola"** (P.A. (GV) – 30 ta' April 2004) b'dan li kollox jerga' jmur ghall-*istatus ante quo.*

Illi l-konsegwenza ta' dan hija li ovvjament li jithallas lura d-depositu akkont tal-prezz li thallas fuq il-konvenju (**"Joseph Cauchi vs Anthony Vassallo" –** P.A. (TM) – 11 ta' Dicembru 2003); **"Pace vs Dimech"** – P.A. – 30 ta' Settembru 1985; **"Abela vs Spiteri"** – P.A. – 14 ta' Lulju 1988; **"Baldacchino vs Galea"** P.A. – 25 ta' Gunju 1992; **"Loreto Abela vs Teresa Spiteri"** – A.C. – 30 ta' Ottubru 1989; **"Pauline Manche vs Joseph Farrugia et"** – A.C. – 6 ta' Ottubru 1999; **"Schembri vs Camilleri"** A.C. – 27 ta' Frar 1988). F'dan il-kuntest l-ewwel talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta qed tigi milqugha.

Illi fil-fatt li meta wiehed jonqos li jibghat tali ittra ufficjali li tinterpella lill-parti l-ohra sabiex jersaq ghall-konvenju, l-ammont li jithallas bhala akkont tal-prezz fuq konvenju

ghandu bhala regola jithallas lura lill-kompratur jekk il-bejgh bejn il-partijiet ma' jsirx (**"Victor Cini vs Andrew Agius et"** – A. K. 9 ta' Marzu 1988); **"Carmelo Cassar Limited vs Joseph Bezzina et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Mejju 2002; **"Anthony Mamo et vs Joseph Penza et"** – P.A. (RCP) 17 ta' Jannar 2001; **"Carmelo Sciberras et vs Nazzareno Muscat et"** – P.A. (RCP) – 20 ta' Ottubru 1999; u **"Christine Cassar Torregiani vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maestre nomine"** (A.C. – 25 ta' Mejju 2007).

Illi ghall dak li jirrigwarda t-talbiet attrici l-ohra jinghad li la darba l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess konvenju thallew jiskadu mela allura ma hemmx lok ghall-azzjoni ta' danni – u dan ghaliex l-istess atturi ma' hadux hsieb li jipproteggu l-interessi taghhom skont id-disposizzjoni tal-istess artikolu, bl-ispedizzjoni ta' ittra ufficjali skont is-sentenzi fuq indikati u dik fl-ismijiet **"Aldo Ciantar vs Alfred Vella"** – P.A. (GMB) – 18 ta' Novembru 1998 – Vol. VLXII.ii. 828). Dan huwa bizzejjed sabiex jinghad li l-azzjoni attrici in kwantu jirrigwardaw it-talbiet attrici ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ma' jistghux jigu milqugha; ma jidhirx li din il-Qorti hemm bzonn tidhol fil-portata tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Gloria Pont vs J.L.J. Construction Limited"** (A.C. – 1 ta' Frar 2008 li mxiet fuq dak li inghad fis-sentenza fuq citata **"Joseph Cauchi vs Anthony Vassallo"** (P.A. (TM) – 11 ta' Dicembru 2003), u dan peress li f'dan il-kaz lanqas l-ittra ufficjali skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1357 (2)** ma' saret, ahseb u ara c-citazzjoni msemmija fl-istess decizjoni.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti proprio jirrizulta bla ebda dubju li l-istess konvenju sar bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta u l-konvenuti Portelli personalment ma kienu bl-ebda mod involuti. F'dan il-kuntest huwa principju generali li s-socjeta' ghandha personalita' guridika separata mill-persuni li jikkostitwuha, u ghalhekk l-istess konvenuti Portelli ma' ghandhomx jigu ritenuti responsabbli ghall-agir tal-istess socjeta' konvenuta, socjeta' li f'kull eventwalita' u minhabba dak gja premess, ma' baqatx izjed marbuta bl-istess konvenju minhabba li l-

atturi ma pproteggewx l-interessi taghhom, kif trid il-ligi li jaghmlu skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1357 (2) tal-Kap. 16.**

Illi dan qed ssir ghaliex hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-unika relazzjoni naxxenti mill-istess konvenju u min-nuqqas ta' esekuzzjoni tieghu minn parti u minn ohra kienet dik bejn l-atturi u s-socjeta' konvenuta, u l-konvenuti personalment ma' kienu bl-ebda mod involuti. Barra minn dan la darba ma baqghetx tissussisti l-istess obligazzjoni minhabba li l-istess konvenju ma' nzammx *in vigore* ma hemm l-ebda azzjoni ta' danni lanqas kontra l-istess socjeta' konvenuta, u allura iktar u iktar kontra l-istess konvenuti personalment.

Illi kull diskursata li kien hemm jew setgha kien hemm bejn l-konvenut u d-difensur tal-istess atturi, ma tbiddel xejn mill-posizzjoni legali, u dan peress li l-konvenju jiddependi fuq l-ezistenza tieghu fuq l-iffirmar ta' skrittura privata **(artikolu 1233)**, li giet iffirmata biss mis-socjeta' konvenuta, b'mod allura li personalment l-konvenut ma setghax verbalment jassumi xi obbligazzjoni ghat-trasferiment tal-fond proprju ghaliex minghajr tali skrittura ma hemm ebda konvenju (**"Joseph Baldacchino et noe vs Carmelo sive Charlie Camilleri et"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998 – **artikolu 1233 tal-Kap. 16).**

Illi ghall-dak li huwa kkonsidrat bhala *"lifting of the corporate veil"* minhabba li persuna tkun agixxiet in mala fede, ma jirrizultax li dan huwa kaz bhal dak kontemplat fil-kawzi **"Edward Leone Enriquez vs Dr. Anthony Farrugia et"** (P.A. (GCD) – 12 ta' Ottubru 1995 u **"Dr. Jose' Herrera nomine et vs Tancred Tabone et nomine"** (A.K. – 22 ta' Jannar 1992) u **"Malta Development Limited vs Zet Limited"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru, 1999) u dan peress li ma giex ippruvat li l-istess socjeta' konvenuta dahlet ghall-konvenju in mala fede u dan kien oneru ta' l-atturi li jippruvawh, haga li certament ma' ghamlux **("Innocent Farrugia vs Frank Cachia"** – P.A. – 21 ta' Jannar 2005; ***Profs. Andrew Muscat*** **"The Principles of Maltese Company Law"** –

pagna 330) u jirrizulta li l-istess socjeta' dejjem agixiet ghal beneficcju taghha u mhux ghall haddiehor **"Joseph Falzon vs Calcedonio Cuschieri"** ( A.C. 23 ta' Ottubru 1936 - XXIX.i.1408).

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li din it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti proprio ghandha tigi milqguha u l-istess qed jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni in vista ta' dak deciz din giet ghall-kollox sorvolata fis-sens li ladarba tali konvenju ma' baqax izjed veljanti, mela allura l-konsegwenza tal-istess hija li kull parti tirriverti ghall-posizzjoni taghha qabel l-iffirmar tal-istess u ghalhekk l-atturi ghandhom jigu rifuzi biss l-ammont ta' depositu li hallsu fuq l-istess konvenju u dan ghaliex l-ebda parti ma' hadhet il-passi skont il-ligi sabiex izomm l-istess konvenju veljanti.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, fil-waqt li l-konvenuti proprio qed jigu lliberatati mill-osservanza tal-gudizzju, u t-talbiet attrici l-ohra qed jigu michuda anke fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti proprio u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta** fil-kuntest ta' dak hawn deciz, fil-waqt li **tichad it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' l-ewwel talba attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tirrifondi lill-atturi s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) ekwivalenti ghall-hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), rapprezentanti d-depozitu u parti mill-prezz mhallas mill-atturi lill-istess socjeta' konvenuta kif fuq premess u dan flimkien ma' l-

imghaxijiet legali mid-data tal-25 ta' Frar 2004 sad-data tar-rifuzjoni lura lill-atturi;

Bl-ispejjez tal-ewwel talba ghas-socjeta' konvenuta u tat-tlett talbiet attrici l-ohra a karigu tal-atturi, b'dan li l-ispejjez tal-konvenuti proprio ghandhom jithallsu mill-istess atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------